



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 142/23

Il-Lussemburgu, 14 ta' Settembru 2023

Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fil-Kawża C-115/22 | NADA *et*

### **Antidoping u protezzjoni tad-data: L-Avukata Ġenerali Ċapeta tqis li awtorità nazzjonali antidoping li tippubblica data personali fuq l-internet ta' sportiva professjonali li nstabet ħatja ta' doping ma tiksirx il-GDPR<sup>1</sup>**

*L-indħil fid-dritt għall-protezzjoni tad-data li jirriżulta minn dan jista' jiġi ġġustifikat mill-għan preventiv ta' tali publikazzjoni.*

Atleta ta' livell professjonali Awstrijaka li tikkompeti fi tlielaq ta' distanza medja nstabet ħatja li aġixxiet bi ksur tar-regoli antidoping Awstrijaċi. Il-Kumitat Legali Awstrijak Antidoping (Österreichische Anti-Doping-Rechtskommission, iktar 'il quddiem l-“ÖADR”) iddikjara invalidi r-riżultati kollha li l-atleta kienet kisbet matul il-perijodu kkontestat, irrevokat kwalunkwe drittijiet ta' dħul u/jew premju fi flus u pprojietha milli tipparteċipa f'kompetizzjonijiet sportivi ta' kwalunkwe tip matul perijodu ta' erba' snin. Dik id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-ÖADR u mill-Kumitat Indipendenti tal-Arbitraġġ, l-Awstrija (Unabhängige Schiedskommission, iktar 'il quddiem l-“USK”).

L-Aġenzija Indipendenti Antidoping (Unabhängige Dopingkontrollenrichtung, NADA) ppubblikat ukoll l-isem tal-atleta, il-ksur tagħha tar-regoli antidoping, u l-perijodu ta' sospensjoni f'tabella tal-atleti sospiżi fis-sit web tagħha disponibbli għall-pubbliku.

L-atleta ressqet talba għal reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni quddiem l-USK. Dan l-organu jistaqsi b'mod partikolari dwar jekk il-pubblikazzjoni tad-data personali fuq l-internet ta' atleta professjonali li wettqet doping hijiex kompatibbli mal-GDPR.

Fil-konklużjonijiet tagħha tal-lum, l-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta l-ewwel tindirizza l-ammissibbiltà ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari. L-Avukata Ġenerali tqis li **l-USK jikkostitwixxi “qorti jew tribunal”** fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Fil-fatt, l-Avukata Ġenerali tqis li, **fiċ-ċirkustanzi tal-każ, dan il-korp jikkostitwixxi wkoll “qorti jew tribunal” li kontra d-deċiżjonijiet tiegħu ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju** skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE. **Għaldaqstant, l-USK kien ukoll obligat iressaq talba għal deċiżjoni preliminari.**

Fuq il-mertu, l-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta, primarjament **tqis li l-GDPR ma japplikax għaċ-ċirkustanzi fattwali tal-każ.** Fil-fehma tagħha, **ir-regoli antidoping jirregolaw primarjament l-isport bħala sport.** Dawn jikkonċernaw il-funzjonijiet soċjali u edukattivi tal-isport, **pjuttost milli l-aspetti ekonomiċi tiegħu. Bħalissa ma hemm l-ebda regola tad-dritt tal-Unjoni dwar il-politiki antidoping** tal-Istati Membri. Mingħajr lanqas rabta indiretta bejn il-politika antidoping u d-dritt tal-Unjoni, il-GDPR ma jistax jirregola dawn l-attivajiet ta' pproċessar. Għal din ir-raġuni, l-Avukata Ġenerali tqis li **ċ-ċirkustanzi fattwali tal-każ ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni**

<sup>1</sup> Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

**tad-dritt tal-Unjoni, u għalhekk ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.**

**B'mod alternattiv, l-Avukata Ġenerali Tamara Čapeta tqis li l-GDPR jawtorizza l-ipproċessar ta' data personali f'kuntest predeterminat mingħajr ma jkun meħtieġ li titwettaq kwalunkwe evalwazzjoni individwali tal-proporzjonalità.** Għalhekk, id-deċiżjoni tal-leġiżlatur Awstrijak li jeżiġi l-iżvelar lill-pubbliku ġenerali tad-data personali tal-isportivi ta' livell professjonali li jiksru r-regoli antidoping applikabbli ma hijiex suġġetta għal evalwazzjoni addizzjonali tal-proporzjonalità f'kull każ individwali. **L-interferenza fid-drittijiet tal-isportivi ta' livell professjonali li tirriżulta mill-iżvelar lill-pubbliku tista' tkun iġġustifikata mill-għan preventiv li jiskoraġġixxi lill-isportivi żgħażaġħ milli jwettqu reat ta' doping u tinforma lill-partijiet ikkonċernati rilevanti.**

L-Avukata Ġenerali Tamara Čapeta tispjega wkoll li, **f'soċjetajiet moderni, l-uniku mod kif jiġi ssodisfatt obbligu ta' żvelar ġeneralizzat bħal dak impost mil-leġiżlatur Awstrijak f'dan il-każ huwa permezz tal-pubblikazzjoni fuq l-internet.** Sempliċi pubblikazzjoni stampata ma tistax titqies iktar bħala mezz adegwat biex l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali. Li tintalab biss pubblikazzjoni offline tal-informazzjoni inkwistjoni tkun simili għal evitar tal-obbligu ta' informazzjoni lill-pubbliku. **L-iżvelar ta' isem l-isportiva, tal-ksur tar-regola antidoping inkwistjoni u tas-sospensjoni li ġiet imposta fuqha fis-sit internet aċċessibbli għall-pubbliku ta' awtorità nazzjonali antidoping huwa, matul il-perijodu tas-sospensjoni tagħha, adegwat u neċessarju sabiex jaqdi l-funzjoni preventiva ta' dissważjoni u sabiex jinforma lill-partijiet ikkonċernati.**

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata l-konklużjoni.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

**lbqgħu konnessi!**

